Minuti tal-laqgħa numru disgħa u ħamsin (59) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-2 ta' Frar 2023, fis-6.10pm fil-Bini Amministrattiv, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | | |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sinjuri Matthew Chetcuti, Janice Busuttil u Christopher Farrugia kienu skużati peress li d-data tal-laqgħa kienet skedata għall-1 ta' Frar u s-Sindku talab li tkun posposta għat-2 ta' Frar wara li konna hekk miftehmin waqt il-laqgħa preċedenti.

| | | |
|---|---|---|
| 59.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Dawk preżenti qalu talba qasira, is-SE qal li rċieva bil-miktub ittra ta' apoloġija mingħand is-Sur Matthew Chetcuti u mingħand is-Sa Janice Busuttil filwaqt li qabel il-laqgħa hu ċempel lis-Sur Chris Farrugia u talbu sabiex jiġi skużat ukoll. It-talbioet intlaqgħu. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa. | Talba u apoloġiji |
| 59.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tmienja u ħamsin (58)**<br>Il-minuti tas-seduta numru tmienja u ħamsin kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Norbert Grech. Dawn kienu approvati mingħajr l-ebda' korrezzjoni. | Minuti |
| 59.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 344 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 63**.<br>Kienu approvati iċ-ċedoli tal-pagamenti 344 u dik tal-Works/Purchase Order 63. | SOP344 & W/PO63 |
| 59.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | Mistoqsijiet |
| 59.04.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irrapporta fuq l-iżvilupp li sar fi Ġnien Bir Iljun. Hu qal illi jonqos biss li jeħlu l-bandli. Is-Sur Rudolph Grima qal illi jonqos illi jsiru il-*lettering* bl-iswed il-lapida tar-Rabat li hemm quddiem il-Bażilika ma' dawk it-tnejn li se jsiru fi Ġnien Bir Iljun qabel il-ftuħ uffiċjali | Ġnien Bir Iljun |

| | | |
|---|---|---|
| | tiegħu. Dak il-ħin stess is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ċempel lis-Sur Paul Mamo u dan qallu li se jagħmilhom fil-jiem li ġejjin. | |
| 59.05 | **Talba għall-kumpens mil-kuntrattur tal-ġonna Charles Gauci minħabba li taret tabella mit-trakk għal fuq vettura.**<br>Il-kunsillieri ikkunsidraw din it-talba u qablu b'vot unanimu illi peress li qed nagħmlu użu aħna minn dan l-arranġament tal-iskart tat-tabelli l-ħżiena, il-KLR għandu jħallas l-ispiża. | Kumpens |
| 59.06 | **Il-kuntratt tal-handyman jiġi riġettat - biex ikun ikkunsidrat it-tieni bidder**<br>Il-kuntratt tal-handyman se jingħata lit-tieni l-orħos offerent, jiġifieri lil DNP Group, li hu ffurmat minn prattikament l-istess persuna ppreżentat fl-ewwel għażla. Il-KLR daħal fid-dettal fuq kemm se jkun qed iħallas bl-*overtime* b'kollox inkluż dak tal-Ħadd. Dwar l-għoti tal-kuntratt kien hemm qbil unanimu. | Handyman |
| 59.07 | **Unaudited Financial Statements 2022 u r-Rapport Finanzjarju tal-aħħar kwart li juri l-FSI**<br>Il-Kunsill iddiskuta dawn il-figuri speċjalment dik tad-deficit ta' madwar €85,000 li ħareġ ċar illi li ma kienx għad-deppreżżament, kieku għamilna qliegħ. Kien hemm mistoqsijiet tas-Sur Rudolph Grima dwar kemm jagħmel sens illi binja bħalma hija dik tal-KLR li qed nirrestawraw matul iż-żmien nistgħu ngħidu li ddipprezzat, meta minn dak iż-żmien 'l hawn il-bini għola mas-smewwiet. Kien hemm qbil unanimu dwar dawn ir-rapporti u se jkunu mgħoddija lill-awtoritajiet. | FS2022 |
| 59.08 | **Bdil ta' saqaf (fejn kienet qabel il-kamra li fiha kien jiltaqa' l-Kunsill)**<br>Kien hemm qbil unanimu biex jinbidel dan is-saqaf ukoll peress li ta' ħdejh kien immermer. Dwar l-aġġornament tar-refurbishment li qed isir fuq il-binja, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE qalu illi jonqos jinqalgħu is-soqfa tal-kamra tas-Sindku u tas-sala ta' maġenbha (gallarija l-kbira) bis-soqfa l-ġodda se jinżlu aktar 'l isfel filata u nofs, filwaqt li twaqqgħu ħafna mil-kmamar li kien hemm fil-bitħa (kċina u toilets). Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus fakkar lis-Sur Nazju Cassar illi l-valur tal-propjetà tal-post hu stmata li tkun tiswa' madwar €1.6m filwaqt li għad-domanda tas-Sur Rudolph Grima, is-SE qal illi Cieffe ma baqgħux jitolbu talbiet addizzjonali fir-rati iżda biss talbiet fuq xogħlijiet ġodda li ma kienux fit-tender bħat-travi li kienu maqtuha bis-sadid eċċ. | Municipjuxx |
| 59.09 | **Post mortem u minuti tal-Laqgħa pubblika tal-lokalità**<br>Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa pubblika, u dawn kienu approvati unanimament. Kien innotat illi ma kienx hemm min segwa wisq din il-laqgħa on-line u min daħal dam ftit wisq jisma'. Is-Sa Doris Coleiro qalet illi is-set up kien tali illi jeskludi l-istess kunsillieri mill-parteċipazzjoni fil-laqgħa. | Laqgħa pubblika |
| 59.10 | **Approvazzjoni tal-emandi għall-kuntratt tal-Qtugħ tal-ħaxix selvaġġ u tindif miz-zona rurali – Ara dokument**<br>Is-Sur Chris Grech talab kopja tat-tender tal-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ li se joħroġ mil-KLR wara li kien deċiż fil-laqgħa preċedenti illi dan ikun maqsum fuq tliet | Qtugħ tal-ħaxix selvaġġ |

| | | |
|---|---|---|
| | *lots.* Dwar ir-rotot kien hemm bidla billi Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadima u Taċ-Ċawla jinżammu mal-lot li fih jinkorpora Triq it-Tiġrija u Triq Lawrenti.<br><br>Dwar dan il-kuntratt, is-Sur Nazju Cassar qal illi se jkun impossibbli li jinħadem b'inqas minn erba' persuni, *bob cat* u trakk. Barra minn hekk dawn il-ħaddiema jrid ikollhom ilbies protettiv bħal ġakketta viżibbli tixhel u *safety shoes.* | |
| 59.11 | **Project Green – Il-proposta tal-Kunsill (ara l-korrispondenza annessa)**<br>Intlaħaq ftehim biex nibgħatu żewġ applikazzjonijiet waħda fuq il- Pjazza tas-Saqqajja (hemm permezz tal-PA), u oħra fuq il-Pjazza tal-Baħrija (hemm permess tal-PA). | Project Green |
| 59.12 | **Talba għal rimbors ta' spejjeż fuq vettura minħabba ħadida li tħalliet fit-triq minn Ms I Azzopardi**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-kunsillieri preżenti qablu li jingħata l-kumpens lis-Sra I Azzopardi li qasmet tyre fuq ħadida tax-xibka li tħalliet mal-art fil-Pjazza t'Għeriexem minn ħaddiema tal-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta għaliex kemm l-inċident kif ukoll ir-rapport tal-Pulizija huma datati fl-istess ġurnata - 19 ta' Jannar 2023. | Rimbors fuq ħsara |
| 59.13.01 | **Punti Oħra**<br>Dwar it-trinka li bħalissa qed iħaffru l-Korporazzjoni Enemalta fi Triq ir-Rebħa kien rappurtat illi ntlaqat bl-inġenji iċ-ċint tas-sejjiegħ. Dan se jkun irrappurtat lill-istess korporazjoni filwaqt li l-KLR mhux se jaċċetta reinstatement fuq il-gandott biss, iżda l-wisgħa tat-triq kollha. | Punti oħra<br><br>Trinka fi Triq ir-Rebħa |
| 59.13.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-problema li għandna biex nivvakaw il-garage basement taħt il-binja 30-34 Triq Inguanez, tas-Sur Patrick Galea. Hu qal illi dan qed jitlob €900 fix-xahar biex jinkera lilna il-garage kollu. Filwaqt li stqarr li jaqbel li nżommu l-istess garage għal negozjar ta' €600 fix-xahar is-Sur Craus qal illi kieku jkun jista' jakkomoda wkoll l-għodda li hemm fil-garage l-ieħor ta' Triq Mons Guzeppi Depiro tas-Sur Paul Tanti. Dan intqal in vista li hemm il-van 9 seater ordnat. F'dan il-punt, is-Sur Nazju Cassar qal illi kieku dak tas-Sur Tanti inżommuh għal €400 fix-xahar għaliex kemm-il darba noħorġu minn hawn, il-garage il-kbir tas-Sur Galea xorta jiġi 'il bogħod mil-Muniċipju. Hu ippropona viżita filwaqt li is-Sindku kompla jgħid illi ħadd mil-ħaddiema m'għandu ċavetta tal-garage tas-Sur Tanti u mhux se jaqbdu u jmorru hemm dment li għandu l-affarijiet personali tiegħu kif fil-fatt hawn f'dak ta' Triq Inguanez. Il-Kunsill qabel li għandna nżommu ż-żewġ propjetajiet, dik ta' Triq Mons Gużeppi Depiro u dik ta' Triq Inguanez, tal-aħħar għal mhux aktar minn €600 fix-xahar. | Kiri ta' garages |
| 59.13.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa għandna f'idejna in-no objection tal-entitatjiet kollha dwar il-proġett tas-Saqqajja. | Proġett tas-Saqqajja |
| 59.13.04 | Is-SE fakkar fl-attivitajiet li hemm imħejjija biex ikun aktar promoss mill-Agape Fest il-ktejjeb *Rabat Sacrum* waqt seminar li se jsir il-Mużew ta' Wignacourt nhar is-Sibt, 11 ta' Frar. Irrefera wkoll għaż-żjara fil-Parroċċa, l-Grotta ta' San Pawl, il-Katakombi ta' San Pawl u l-Mużew ta' Wignacourt l- | Rabat Agape Festival |

| | | |
|---|---|---|
| | ET il-President ta' Malta u s-Sinjura nhar is-Sibt, 31 ta' Jannar biex jiftaħ l-avvenimenti marbuta mar-*Rabat Sacrum.* | |
| 59.13.05 | Is-SE tkellem fuq il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart mid-djar implimentat għax-xahar ta' Jannar. Hu qal illi issa sar jaf illi l-kont se jinqasam mhux biss fuq l-ammont ta' djar f'kull kunsill iżda wkoll fuq it-tunnellaġġ, bil-piż. Madankollu uffiċjalment minkejja l-isforzi kollha li għamel għadu ma jafx kemm ġej il-kont fix-xahar. Hu kkalkulat iżda li ma jaqbisx it-€13,000.00 | Household Waste |
| 59.13.06 | Is-SE informa lill-kunsillieri illi kellu żjara mill-Environmental Manager tar-Reġjun Punent fi Triq Rudolph Saliba fejn hu ppjanat li tkun installata cctv fuq ir-reċipjent tal-ħwejjeġ użati u fl-istess ħin fuq id-daħla tal-iskola Primarja B. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu nagħmlu appuntament ma' tal-Go plc biex jagħtuna faċilita' u rati tajbin fuq monitoring ta' cctv's mill-uffiċċju stess. | Cctv fi Triq Rudolph Saliba |
| 59.13.07 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li ssir iż-żabra tas-siġar taż-żebbuġ li jdawwru l-appartamenti t'Għajn Qajjet viċin il-Penwel. | Żabra f'Ghajn Qajjet |
| 59.13.08 | Is-Sur Norbert Grech talab illi ssir aktar insistenza mal-awtoritajiet biex jittella' mill-ġdid il-ħajt tas-sejjiegħ (retaining wall) tad-Dwejra imqajjem f'punt fl-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill. | Ħajt tas-Sejjiegħ fid-Dwejra |
| 59.14 | Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-8 ta' Marzu 2023 fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 8.3.23 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku